# Surmast Direttur ġdid għall-Banda Beland
## Mro. Frankie Mercieca

Meta f'Diċembru 1989 irreżenja Mro. Grazio Cachia, il-kumitat mill-ewwel beda jirsisti sabiex isib suċċessur li jkun adattat li jieħu f'idejh it-tmexxija tal-banda. Il-kumitat beda wkoll iħoss il-polz tal-bandisti u tal-membri u għalhekk ma kienetx sorpriża meta tħabbar illi l-kumitat kien ħatar unanimament lil Mro. Mercieca bħala Surmast Direttur tal-Banda Beland. Hekk kompliet tikber il-lista ta' Surmastrijiet li ħarġu minn din l-Għaqda Mużikali matul is-snin.

Mro. Frankie Mercieca beda l-karriera mużikali tiegħu fi ħdan il-Banda Beland meta fl-1976, wara li tħarreġ għand l-Ass. Surmast Jos. Bilocca u għand Mro. Hector Dalli, ħareġ idoqq il-Flicorno Tenore in Si b. Aktar tard ħa wkoll diversi lezzjonijiet għand Mro. John J. Pace. Huwa beda jdoqq ma' diversi baned ewlenin kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex fosthom il-banda ċittadina 'La Stella'. F'Malta huwa bandist regolari mal-banda ċittadina 'Kings Own'. Mro. Mercieca kellu ħafna għajnuna minn għand Mro. Paul Schembri u Mro. Carmelo Caruana, li t-tnejn għenuh biex jaqleb mill-Chiave di Violino għall-Chiave di Basso. Il-ħsieb ewlieni kien biex jibdel l-istrument - il-Flicorno Baritono in Si b.

Mro. Mercieca qatt ma telaq l-istudju tant li għadu jistudja t-teorija u l-armonija u dak kollu li jirrikjedi lill-banda għand Mro. Carmelo Caruana.

F'Mejju tal-1983 il-Kumitat tal-Banda Żejtun kien ħatar lil Mro. Mercieca bħala għalliem ta' l-allievi. Nhar it-22 ta' Ġunju, 1985 fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-planċier kien idderieġa il-'Marcia Slava' ta' Tohaikovsky.

Nhar it-12 ta' Settembru, 1985 Mro. F. Mercieca nħatar Surmast Direttur tal-Banda Santa Marija tal-Qrendi. Matul iż-żmien li ilu Surmast Direttur ta' din il-banda huwa ħa sehem bosta drabi fil-Konkors tal-baned. L-aħħar programm ta' mużika klassika li dderieġa kien f'Diċembru tal-1989 ġewwa t-Teatru Manoel f'isem l-Association tal-Baned Maltin. Fil-preżent huwa wkoll Assistent Surmast tal-Banda De Paule.

F'Jannar ta' l-1990 Mro. Frankie Mercieca reġa' ngħaqad mal-banda ta' tfulitu, din id-darba bħala Surmast Direttur. L-ewwel programm uffiċjali tiegħu kienu fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Kristu Rxoxt ġewwa ż-Żejtun.

F'isem il-membri u l-ammiraturi tal-Banda Beland nawguraw lil Mro. Mercieca snin twal ta' ħidma fostna sabiex il-banda Beland tibqa' taqdi l-iskop li għalih twaqqfet fl-1861 filwaqt li tkompli fit-triq tas-suċċessi.



*Mro. Frankie Mercieca fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu meta fl-1976 ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda Beland. Mro. Mercieca fuq wara t-tielet wieħed mix-xellug.*



*Il-Banda Beland ħadet sehem bosta drabi fil-festi governattivi li kienu jiġu organizzati u dejjem ħarġet bl-unuri. Fit-12 ta' Mejju, 1937 il-Banda ħadet sehem fl-isfilata bil-karrijiet fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda ta' l-Inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V. Ir-ritratt juri l-banda Beland bl-uniformi tas-sajf fuq il-karru ddekorat għall-okkazjoni qabel ma bdiet l-isfilata fil-Pjażża ta' Kastilja. Fost il-bandisti fil-filliera ta' quddiem jidher l-Assistent Surmast Ġiuseppe Spiteri, fuq ix-xellug, filwaqt li fit-tarf l-ieħor fuq il-lemin jidher is-Surmast C. Baldacchino. Fin-nofs jidher iż-żgħażugħ Ġużeppi Baldacchino, li għadu bandist sal-lum, filwaqt li eżattament warajh jidher Ninu Baldacchino. Eżattament wara Ninu Baldacchino jidher Carmelo Mifsud, filwaqt illi fuq wara in-naħa tal-lemin jidher il-bandist onorarju Ġużeppi Mercieca.*
*(Photo: J. Cassar Ħamrun)*